## IT-TESTMENT IL-ĠDID BIL-MALTI

Għandna l-pjaċir inħabbru illi l-Prof. P.P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lic.S.Script., bi ħsiebu joħroġ it-traduzzjoni bil-Malti tat-Testment il-Ġdid li hu ħadem u lesta. Kif kulħadd jaf, qabel din il-biċċa xogħol, li kif għandna naħsbu għandha valur speċjali fuq dawk li s'issa saru, fl-istorja tat-traduzzjonijiet bil-Malti, bħala xogħol mogħti mill-pinna ta' persuna awtorevoli fil-materja biblika, aħna kellna x-xorti li jkollna f'idejna minn għand l-istess awtur it-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim kollu, li hija l-unika traduzzjoni sħiħa bil-Malti.

Kull min, għalhekk jixtieq jikseb din l-opra ġdida m'għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief imur jinkiteb fl-Empire Press, fid-Dar ta' l-Unione Cattolica San Giuseppe, il-Belt. L-istampa ta' din it-traduzzjoni ser tibda ssir għall-bidu tas-sena l-ġdida. L-awtur mhux biħsiebu jistampa kopji iżjed min-numru ta' dawk li jinkitbu; u aktar ma n-numru ta' l-imseħbin f'din l-opra jkun kbir, aktar ikun irħis il-prezz ta' l-abbonament. Jekk ma jinqala' ebda tfixkil fl-istampa, is-sena li ġejja jiġu pubblikati l-Vanġelu ta' San Mattew u ta' San Mark.

Min biħsiebu jikseb din l-opra jfittex li jinkiteb għax jiġrilu bħal dawk il-ħafna qarrejja tal-Malti, li għax tnikkru u ma għaġġlux xtraw it-traduzzjoni tat-Testment il-Qadim baqgħu bil-kollezzjoni tagħhom nieqsa minn diversi numri ta' dik it-traduzzjoni: oħrajn nidmu bi sħiħ għax qatt ma ħasbu biex jixtru l-kotba li ħarġu u baqgħu mingħajrhom.

Il-Prof. Saydon jixtieq igħarraf lill-qarrejja illi billi dan l-aħħar ħafna ħadu l-kotba li kien għad baqa' tat-Testment il-Qadim, in-numru 11 għoddu spiċċa, in-numru 15 spiċċa għal kollox, u min-numru 13 baqa' ftit.

---

## FEHMTI SĦIĦA

*Ta'* Val. V. Barbara, O.P.

Riduni ngħix il-ħajja kif fehmuha
nies imkabbrin b'fehmithom, nies għajjura,
iżda ssilitt u rbaħt, għax feh'mti sħiħa,
aqwa minn kull azzar, ma nerġax lura.



## VARIA ATQUE BREVIORA

**1.—'Bil-' u 'bla' bħala Avverbi ta' mod u maniera.**

*Bil-* u *bla* man-nom bħala avverbi ta' mod u maniera. Eżempju: *Telaq bil-għaġla. Qala' flus bil-għama.* Hekk ukoll f'espressjonijiet bħal dawn: *Bil-moħbi; bil-leħġa; bil-wieqfa; bil-qiegħda; bis-serqa; bil-ħerra; bix-xaba'. Bla nifs; bla għaqal; bla ħoss; bla għaġla.*

**2.—Ismijiet minn Verbi.**

Ħaraq—ħurrieq; għalaq—għalaq, għolliq; xamm—xummiema; żerżaq—żurżieqa; ħataf—ħuttafa; xellel—xulliela; żammar—żummara; saffar—suffara; ħarħar—ħurħara; beżaq—bużżieqa; xellef—xulliefa; ġelben—ġulbiena; medd—medd (tannewl); niten—nittiena (ħaxix); deffen—deffun; gidem—geddum; karkar—kurkar.

**3.—Vokalizzazzjoni li tiddependi mill-għamla tal-konsonanti radikali ta' nofs il-kelma.**

*Kons. Labjali*:— (i—e): (b) nibet; żibel; libes; ġibed; xiber; tiben; żibeġ; sibel; kiber.

*Kons. Dentali*:— (i—e): (ġ, d, x, s) niġem; riġel; gidem; nidem; widen; fixel; nixef; ġisem; nisel.

*Kons. Aspirati*:— (e—e): (h) deher; fehem; sehem; xeher; deheb.

*Kons. Laringali*:— (e—e): (ħ) weħel; seħer; (a—a): (ħ) faħam; faħal; baħar; daħal; (a—a): (għ) bagħat; bagħad; magħad; qagħad; (o—o): (għ) bogħod; logħob; sogħol

*N.B.* Hemm xi vokali li jiddependu wkoll mill-konsonanti tal-*bidu tal-kelma* bħalma fissirt fit-*Tagħlim tal-Kitba Maltija*, It-Tieni Ktieb (1950) par. 114 N.B.

**4.—Ismijiet ta' għodod.**

L-ismijiet tal-għodod jew huma mimmati jew vokalizzati f'*u—a (ie); o—ie; a—a; e—u*, bħal ismijiet ta' l-aġenti. *Mehriez, suffara.* Eżempji: *Sunnara, żurżieqa, dukkara, dussiesa, xulliela, barrada, qarraba.* L-*u* dlonk titbiddel f'*a* meta l-ewwel konsonanti tkun *ħ*: *ħannieqa, ħaffiefa, ħammiela.*

Dawn l-ismijiet għandhom il-konsonanti tan-nofs imtennija.